SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

13 ta' Settembru 2007 *

Fil-Kawża C-458/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Diċembru 2005, fil-proċedura

Mohamed Jouini,

Okay Gönen,

Hasan Bajric,

Gerald Huber,

Manfred Ortner,

Sükran Karacatepe,

Franz Mühlberger,

Nakil Bakii,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Hannes Kranzler,

Jürgen Mörth,

Anton Schneeberger,

Dietmar Susteric,

Sascha Wörnhör,

Aynur Savci,

Elena Peter,

Egon Schmöger,

Mehmet Yaman,

Dejan Preradovic,

Andreas Mitter,

Wolfgang Sorger,

Franz Schachenhofer,

Herbert Weiss,

Harald Kaineder,

Ognen Stajkovski,

Jovica Vidovic

vs

Princess Personal Service GmbH (PPS),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President ta' l-Awla, E. Juhász, G. Arestis, J. Malenovský (Relatur) u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: H. von Holstein, Assistent Reġistratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Diċembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Jouini *et*, minn E. Frischenschlager u D. Gallistl, Rechtsanwälte,

— għal Princess Personal Service GmbH (PPS), minn G. Minichmayr, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer u G. Hesse, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn V. Kreuschitz u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, p. 16).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn min-naħa M. Jouini u 24 rikorrent ieħor u min-naħa l-oħra l-kumpannija Princess Personal Service GmbH (PPS) (aktar 'il quddiem "PPS"), dwar il-ħlas ta' krediti ta' salarju u tal-konstatazzjoni ta' trasferiment tar-relazzjonijiet ta' impjieg lejn PPS għall-għanijiet ta' kalkolu tal-krediti tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Id-Direttiva 2001/23 tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, ta' l-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 61, p. 26), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 201, p. 88, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 77/187").

4 Fit-termini tat-tmien premessa tad-Direttiva 2001/23:

"Il-konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u trasparenza legali kienu jeħtieġu li l-kunċett legali ta' trasferiment għandu jiġi ċċarat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-kjarifika ma biddlitx il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/187/KEE skond kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja".

5 L-Artikolu 1(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2001/23 jiddisponi:

"a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari kemm jekk le."

6 Fit-termini ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/23:

"Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' mpjieg.

Madanakollu, l-Istati Membri m'għandhomx jeskludu mill-iskop ta' din id-Direttiva kuntratti ta' mpjieg jew relazzjonijiet ta' mpjieg biss minħabba:

[...]

c) li huma relazzjonijiet ta' impjieg temporanji fis-sens ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KE [tal-25 ta' Ġunju ta' l-1991 li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' mpjieg b'dewmien fiss jew ta' mpjieg temporanju (ĠU L 206, p. 19)] u l-impriża, in-negozju jew il-parti ta' impriża jew negozju trasferit huma, jew jifformaw parti min-negozju temporanju ta' impjieg li huwa min jimpjega."

7 Skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23:

"Id-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

[...]"

8 L-ifformular tad-dispożizzjonijiet msemmija iktar 'il fuq ta' l-Artikoli 1(1), 2(2) u 3 (1) tad-Direttiva 2001/23 huwa, fis-sustanza, identiku għal dik tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1(1), 2 (2) u 3(1) tad- Direttiva 77/187.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

9 L-Artikolu 3 tal-liġi dwar l-adattament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam ta' kuntratti ta' xogħol (Arbeitsvertragsrechts-Anpassungsgesetz, BGBl. 459/1993) jiddisponi illi meta parti minn impriża hija ttrasferita lil persuna oħra li timpjega, din takkwista l-kwalità ta' min iħaddem u hija ssurrogata fid-drittijiet u l-obbligi kollha li jirriżultaw mir-relazzjonijiet ta' impjieg lil min lilu jsir it-trasferiment.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 L-impriża ta' impjieg temporanju Mayer & Co GmbH (iktar 'il quddiem "Mayer"), illi ilha teżisti mill-1976, kienet immexxija fl-aħħar żmien mid-direttur industrijali attwali ta' PPS, li jaġixxi bħala direttur. Dan huwa miżżewweġ lid-direttriċi kummerċjali ta' PPS li kienet ukoll impjegata f'attivitajiet ta' l-uffiċċju, fl-impriża Mayer.

11 Fuq talba ta' wieħed mill-klijenti prinċipali ta' Mayer, din l-impjegata żviluppat fl-2001 kunċett industrijali li għalih irċeviet l-appoġġ ta' żewġha. Id-diffikultajiet finanzjarji ta' din l-impriża kienu diġà magħrufa. Peress li l-kunċett żviluppat kien diġà ġie approvat mill-klijent, il-konjuġi ftehmu ma' dan li jħaddmuh fil-kuntest ta' impriża ġdida li trid tinħoloq, li teżerċita l-istess tip ta' attività ekonomika, f'każ fejn dawn il-modifiki strutturali jkunu diffiċilment jistgħu jitwettqu fl-impriża antika Mayer.

12 Din l-impriża ġdida ta' impjieg temporanju, PPS inħolqot fil-bidu tas-sena 2002. Il-konjuġi kienu rispettivament ħadu l-funzjonijiet ta' direttur industrijali u ta' direttriċi kummerċjali. Minħabba l-bżonnijiet tal-klijent prinċipali msemmi aktar 'il fuq, huma taw ordni lid-direttur tas-sussidjarja ta' Mayer, kompetenti għal dan l-effett, li jipproponi lil 40 impjegat li kienu għas-servizz ta' dan il-klijent prinċipali trasferiment lejn PPS fl-iqsar terminu, kif fil-fatt sar.

13 Dan ma ta lok għal ebda bdil ta' l-attività ta' dawn l-impjegati fir-rigward tal-klijent. Min-naħa l-oħra, ir-relazzjonijiet ta' impjieg tagħhom ma' Mayer waqqfu fit-30 ta' Novembru 2002 u dawk ma' PPS bdew fl-1 ta' Diċembru 2002. Klijenti oħrajn kienu wkoll meħuda, peress li kien miftiehem illi n-numru ta' impjegati kkonċernati għal kull klijent kien, skond il-każ, minn tlieta jew erbgħa biss għal disgħa persuni. Diriġent ta' sussidjarja u konsulenti għall-klijentela kienu wkoll ittieħdu lura minn PPS. B'kollox, din ta' l-aħħar ħadet lura terz tal-persunal impjegat minn Mayer qabel ma tqiegħdet f'amministrazzjoni taħt il-kontroll tal-Qorti.

14 Ir-rikorrenti prinċipali, li ttieħdu lura min PPS, kienu talbu lil din ta' l-aħħar il-ħlas tal-krediti tas-salarji pendenti fil-konfront ta' Mayer li ma kinitx ħallstihom u l-konstatazzjoni tat-trasferiment tar-relazzjonijiet ta' impjieg lejn PPS għall-kalkolu tal-krediti tagħhom. Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' l-impjegati temporanji li

tqegħdu għad-dispożizzjoni ta' klijenti bħala ħaddiema, sewwieqa ta' krejnijiet jew *fitters*. Huma bbażaw it-talbiet tagħhom fuq il-fatt li kien sar trasferiment ta' negozju u li PPS kellha għalhekk tiggarantixxi, bħala "li ħadet lura n-negozju", il-ħlas tal-krediti antiki u tieħu kunsiderazzjoni tal-perijodi ta' attività preċedenti.

15 PPS ċaħdet dawn it-talbiet, peress li sostniet illi ma kienx hemm trasferiment ta' negozju u li hija ma kienet ikkonkludiet ebda kuntratt ma' Mayer. It-trasferiment tar-rikorrenti prinċipali fl-impriża tagħha kien sar b'mod abitwali fil-qasam ta' l-impriżi ta' xogħol temporanju. Ma setax ikun possibbli li jiġi identifikat in-negozju jew il-"parti ta' negozju" meħud lura minn PPS.

16 Peress li l-Landesgericht Wels, li ddeċidiet fl-ewwel istanza, u l-Oberlandesgericht Linz li ddeċidiet fl-appell, laqgħu t-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, PPS ressqet rikors bħala "Revizjoni" quddiem l-Oberster Gerichtshof. Hija kkontestat, b'mod partikolari, il-kwalifika ta' l-operazzjoni in kwistjoni inkwantu "trasferiment ta' negozju" minn dawn il-qrati.

17 L-Oberster Gerichtshof tirrileva illi, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, l-eżami ta' l-eżistenza ta' trasferiment ta' negozju jieħu in kunsiderazzjoni, preliminarjament, l-eżistenza jew mhux ta' entità ekonomika organizzata b'mod stabbli fis-sens ta' grupp organizzat ta' persuni kif ukoll elementi li jippermetti l-eżerċizzju ta' attività ekonomika li ssegwi għan tagħha stess. Sussegwentement, hemm lok li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet ta' trasferiment ta' din l-entità għal operatur ġdid huma sodisfatti, meta jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha ta' fatt illi jikkaratterizzaw l-operazzjoni in kwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 1997, Süzen, C-13/95, Ġabra p. I-1259, punti 13 u 14).

18 Issa, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, il-kontroll ta' l-eżistenza ta' trasferiment ta' negozju huwa partikulari, f'din il-kawża, peress illi jikkonċerna impriża ta' xogħol temporanju. Hija tenfasizza, fil-fatt, li dawn l-impriżi għandhom, minnhom infushom, ftit impjegati fl-"attività tagħha" fis-sens ta' għaqda organizzattiva, peress li l-impjegati huma ġustament imqegħda ma' persuni li jħaddmu oħrajn, l-impriżi utenti. Dawn ta' l-aħħar jintegraw l-impjegati kkonċernati fl-organizzazzjoni tagħhom stess skond il-ħtiġiet tagħhom. Il-biċċa l-kbira ta' l-impjegati ta' impriżi ta' xogħol temporanju mhumiex għalhekk integrati fl-attività stess ta' dawn l-impriżi, iżda f'dawk ta' persuni li jħaddmu oħrajn.

19 Il-qorti tar-rinviju ssaqsi wkoll fuq il-punt dwar jekk il-metodu żviluppat għal impriżi oħrajn, u li jikkkunsidra b'mod wiesgħa l-eżistenza ta' unità organizzattiva fis-sens ta' "negozju" jew "parti ta' negozju", jista' wkoll jiġi traspost f'impriżi ta' xogħol temporanju. Dawn jiddistingwu ruħhom ukoll fundamentalment f'impriżi ta' tindif jew ta' sorveljanza fejn l-impjegati li jipprovdi servizz m'humiex mqabbda mill-impriża ta' min iħaddimhom għal għan definit (xogħol ta' tindif jew ta' sorveljanza) — li jista' jservi għall-identifikazzjoni tan-negozju —, iżda ċertament fil-funzjonijiet diversi skond l-evalwazzjoni ta' l-impriża utenti.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Hemm trasferiment ta' impriża, jew ta' parti minn impriża, skond l-Artikolu 1 tad-Direttiva [2001/23], meta, fin-nuqqas ta' struttura ta' organizzazzjoni identifikabbli fl-ewwel impriża ta' impjieg temporanju, impjegat ta' uffiċċju, direttur ta' kumpannija sussidjarja, min jagħti pariri lill-klijenti u l-amministratur jiġu trasferiti, fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn żewġ impriżi ta' impjieg temporanju, mill-ewwel impriża għat-tieni waħda, sabiex jeżerċitaw attivitajiet simili fit-tieni impriża, u magħhom jiġu wkoll parzjalment jew totalment trasferiti madwar terz mill-impjegati temporanji kif ukoll il-klijenti li lilhom ikunu allokati (fil-proporzjon ta' allokazzjoni temporanja li jmur minn tlieta sa ħamsin impjegat), anki fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ impriżi?"

Fuq id-domanda preliminari

21 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, fis-sustanza, jekk l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens illi din ta' l-aħħar tapplika għal sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, illi tikkonsisti fi trasferiment ta' impjegati bejn zewġ impriżi ta' xogħol temporanju.

22 Skond it-termini ta' l-Artikolu 1(1)(a), tad-Direttiva 2001/23, din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

23 Skond ġurisprudenza stabbilita, id-Direttiva 2001/23 hija intiża sabiex tassigura l-kontinwità tar-relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti fil-kuntest ta' entità ekonomika, indipendentement minn bdil ta' proprjetarju. Għalhekk il-kriterju deċiżiv biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva huwa li wieħed jara jekk l-entità in kwistjoni tħarisx l-identità tagħha, kif jirriżulta, b'mod partikolari mill-fatt li tkompli fl-attività tagħha jew li terġa' tibdiha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Marzu 1986, Spijkers, 24/85, Ġabra p. 1119, punti 11 u 12; kif ukoll tal-15 ta' Diċembru 2005, Güney-Görres u Demir, C-232/04 u C-233/04, Ġabra p. I-11237, punt 31 u l-ġurisprudenza iċċitata).

24 Għal dik li hija l-kundizzjoni dwar it-trasferiment legali, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilta ferm li l-portata tad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 ma tistax tiġi evalwata abbażi ta' l-interpretazzjoni testwali biss (ara, dwar l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 77/187, is-sentenzi tas-7 ta' Frar 1985, Abels, 135/83, Ġabra p. 469, punti 11 sa 13, u tad-19 ta' Mejju 1992, Redmond Stichting, C-29/91, Ġabra p. I-3189, punt 10). Minħabba d-differenzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva kif ukoll id-diverġenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fuq il-kunċett ta' trasferiment legali, il-Qorti tal-Ġustizzja tat lil dan il-kunċett interpretazzjoni biżżejjed flessibbli sabiex jirrispondi għall-għan tad-Direttiva li huwa li jħares lill-impjegati f'każ ta' trasferiment ta' l-impriża tagħhom (sentenzi Redmond Stichting, iċċitata aktar 'il fuq, punt 11, u tas-7 ta' Marzu 1996, Merckx u Neuhuys, C-171/94 u C-172/94, Ġabra p. I-1253, punt 28).

25 Din l-interpretazzjoni flessibbli tikkonċerna wkoll il-forma tal-"ftehim" li bih sar it-trasferiment. Il-kunċett ta' trasferiment legali jista' wkoll ifisser, skond il-każ, ftehim bil-miktub jew verbali bejn min jagħmel trasferiment u lill-persuna li lilha jsir it-trasferiment rigward tibdil ta' l-identità tal-persuna responsabbli mill-attività ta' l-entità ekonomika kkonċernata jew ukoll ftehim taċitu konkluż bejniethom li jirriżulta minn elementi ta' kooperazzjoni prattika li juru rieda komuni li jagħmlu dan it-tibdil.

26 Madankollu, fil-kawża prinċipali, jirriżulta mid-deċiżjoni ta' rinviju illi t-teħid lura tal-ħaddiema kkonċernati ma sarx fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn Mayer u PPS, illi t-tnejn kellhom, fis-sustanza, l-istess diriġenti, illi dan ippermetta lil PPS li tibda attività identika. Minbarra dan, jirriżulta mill-inkartament illi l-kooperazzjoni reċiproka għamlet possibbli l-eżerċizzju minn PPS ta' din l-attività fis-servizz ta' l-

istess klijenti u li rrikorriet ħafna drabi għal impjegati li qabel kienu ħadmu għal Mayer. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kien jidher evidenti illi din il-kooperazzjoni kellha bħala għan u suġġett li tittrasferixxi l-elementi ta' attiv ta' Mayer lejn PPS.

27 Għalhekk, il-kunċett ta' trasferiment legali, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex ta' ostakolu għall-konstatazzjoni ta' trasferiment ta' impriża bejn Mayer u PPS, anki jekk, kif stqarret PPS matul is-seduta, l-impriżi implikati ma kienu kkonkludew ebda ftehim bil-miktub jew verbali.

28 Fiċ-ċirkustanzi kif inhuma dawk fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi stabbilit jekk l-operazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata tirrigwardax l-impriża kollha jew parti minnha, peress illi f'din ta' l-aħħar għandha tiġi identifikata l-parti ta' l-impriża kkonċernata.

29 F'dan ir-rigward, huwa l-każ illi teħid lura ta' impjegati bħal dawk fil-kawża prinċipali ma jistax jikkorrispondi għal trasferiment ta' l-impriża kollha. Fil-fatt jirriżulta mill-inkartament illi PPS ħadet lura parti biss mill-impjegati responsabbli mit-tmexxija amministrattiva u terz ta' l-impjegati li kienu temporanji, u li Mayer kompliet teżerċita din l-attività ekonomika sakemm tqiegħdet f'amministrazzjoni taħt il-kontroll tal-qorti. Wara dan, fil-kuntest ta' dan ta' l-aħħar, impriża li tikkompeti ma' PPS xtrat lura mingħand Mayer l-attiv ta' stat ta' falliment tagħha u kompliet l-attività ekonomika ta' din l-impriża billi użat, in parti, l-impjegati u elementi ta' l-attiv oħrajn tagħha.

30 B'hekk, it-trasferiment eventwali tal-mezzi ta' attiv in kwistjoni fil-kawża prinċipali — jiġifieri t-teħid lura ta' l-impjegati kkonċernati — ta' Mayer lejn PPS seta' jirrigwarda biss parti ta' din l-impriża.

31 Sabiex id-Direttiva 2001/23 tkun applikabbli, it-teħid lura għandu, madankollu, jirrigwarda entità ekonomika organizzata b'mod stabbli, fejn l-attività tagħha mhijiex limitata għall-eżekuzzjoni ta' xogħol speċifiku. Il-kunċett ta' entità jirreferi b'hekk għal grupp organizzat ta' persuni u ta' elementi li jippermettu l-eżerċizzju ta' attività ekonomika li ssegwi għan speċifiku (sentenzi ta' l-10 ta' Diċembru 1998, Hernández Vidal *et*, C-127/96, C-229/96 u C-74/97, Ġabra p. I-8179, punt 26, kif ukoll Güney-Görres u Demir, iċċitata aktar 'il fuq, punt 32), u li huwa biżżejjed strutturat u awtonomu (sentenza Hernández Vidal *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 27).

32 Din l-entità m'għandhiex neċessarjament tinkludi elementi ta' attiv, tanġibbli jew intanġibbli sinjifikattivi. Fil-fatt, f'ċerti oqsma ekonomiċi, dawn l-elementi huma ta' spiss imnaqqsa għall-iktar espressjoni sempliċi tagħhom u l-attività tistrieħ essenzjalment fuq il-ħidma ta' l-impjegati. B'hekk, grupp organizzat ta' impjegati illi huma speċjalment u għal żmien twil mogħtija xogħol komuni jista', fin-nuqqas ta' fatturi ta' produzzjoni oħra, jikkorrispondi għal entità ekonomika (sentenza Hernández Vidal *et*, iċċitata aktar 'il quddiem, punt 27).

33 Dan jgħodd ukoll aktar fil-każ ta' l-impriżi ta' xogħol temporanju kkunsidrat fit-tieni subparagrafu(c) ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/23. Fil-fatt, jirriżulta minn din id-dispożizzjoni li bħala prinċipju, ir-relazzjonijiet ta' impjieg ta' dawn l-impriżi

jaqgħu taħt id-Direttiva 2001/23, li dan jimplika illi għandhom jiġu kkunsidrati l-partikolaritajiet tagħhom matul l-eżami ta' l-operazzjoni tat-teħid lura tagħhom. Madankollu, dawn l-impriżi huma kkaratterizzati, bħala regola ġenerali, kif jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju, min-nuqqas ta' organizzazzjoni ta' impriża partikolari li tippermetti li jiġi identifikat fi ħdan din l-impriża entitajiet ekonomiċi differenti li jiġu trasferiti skond l-organizzazzjoni ta' min jittrasferixxi.

34 Għalhekk, fin-nuqqas ta' struttura ta' organizzazzjoni identifikabbli ta' l-impriża ta' xogħol temporanju in kwistjoni, għandu jsir eżami b'kunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet tagħha minflok analiżi sabiex jiġi stabbilit jekk teżistix entità ekonomika fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tagħha. F'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni ta' l-eżistenza ta' entità ekonomika skond l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 timplika li għandu jiġi vverifikat jekk l-elementi ta' l-attiv ittrasferiti minn min jittrasferrixi jikkostitwixxux għalih grupp organizzat biżżejjed li jippermettilu l-fornitura ta' għoti ta' servizzi kkaratterizzati mill-attività ekonomika ta' l-impriża mingħajr ma hemm bżonn li jintużaw elementi oħrajn ta' attiv importanti jew għal partijiet oħrajn tagħha.

35 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-attività ta' l-impriżi ta' xogħol temporanju hija kkaratterizzata mill-għoti ta' servizz temporanju ta' impjegati lil impriżi utenti sabiex dawn jeżerċitaw ħidmiet diversi li jsegwu l-bżonnijiet u l-ordnijiet ta' dawn ta' l-aħħar. Li tiġi segwita din l-attività jeħtieġ b'mod partikolari ċertu għerf tas-sengħa, struttura amministrattiva adatta li torganizza dan l-għoti ta' servizz ta' impjegati u grupp ta' ħaddiema temporanji li jistgħu jintegraw ruħhom fl-impriżi utenti u li jeżerċita għalihom il-xogħlijiet mitluba. Bil-kontra, elementi oħrajn ta' attiv sinjifikattivi mhumiex indispensabbli sabiex titkompla l-attività ekonomika in kwistjoni.

36 Il-fatt, enfasizzat mill-qorti tar-rinviju, illi l-ħaddiema li ngħataw temporanjament huma integraw fl-istruttura organizzativa tal-klijent li fis-servizz tiegħu huma tqegħdu ma jistax, inkwantu tali, jostakola li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment ta' entità ekonomika. Fil-fatt, dawn il-ħaddiema ma jibqgħux aktar elementi essenzjali li mingħajrhom it-twettiq mill-impriża ta' xogħol temporanju, ta' l-attività tagħhom huwa essenzjalament impossibbli. Minbarra dan, iċ-ċirkustanza li dawn huma, kif jipprevedi wkoll l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 91/383, kif hemm riferiment fit-tieni subparagrafu (c) ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/23, marbuta ma' min jittrasferixxi b'relazzjoni ta' xogħol u li dan iħallashom direttament hija ta' natura illi tikkonferma r-rabta tagħhom ma' l-impriża operata minn min ittrasferixxa u, għalhekk, il-kontribuzzjoni tagħhom għall-eżistenza ta' entità ekonomika fi ħdan dan ta' l-aħħar.

37 Jirriżulta minn dan kollu illi grupp wieħed kompost minn impjegati responsabbli mill-ġestjoni, mill-ħaddiema temporanji u mill-għarfien jista' jsegwi għan tiegħu stess, jiġifieri l-fornitura ta' servizzi li tikkonsisti fl-għoti ta' servizz temporanju tal-ħaddiema għall-impriżi utenti għal kumpens li jikkonsisti fi ħlas, u li dan il-grupp jista' jikkosttiwixxi entità ekonomika illi hija operattiva mingħajr ma għandha tuża' elementi ta' attiv sinjifikattivi oħra u lanqas ma tuża' partijiet oħra ta' min jitrasferixxi. Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ safejn il-grupp ikun kompost minn impjegat ta' uffiċċju, minn direttur ta' kumpannija sussidjarja, minn konsulenti lill-klijenti, minn terz tal-ħaddiema temporanji u l-amministraturi li għandhom għarfien tax-xogħol, u li huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika dan.

38 Għalhekk, id-domanda magħmula għandha tiġi risposta li l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2001/23 għandu jiġi interpretat fis-sens illi dan japplika meta parti mill-persunal ta' l-amministrazzjoni u parti mill-ħaddiema temporanji jiġu ttrasferiti lejn impriża oħra ta' xogħol temporanju sabiex hemmhekk jeżerċitaw l-istess attivitajiet għas-servizz ta' klijenti identiċi, u, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, illi l-elementi dwar it-trasferiment ta' entità ekonomika huma minnhom infushom biżżejjed sabiex jippermettu li jsiru prestazzjonijiet li huma karatteristiċi ta' l-attività ekonomika in kwistjoni mingħajr ma jkun hemm bżonn li jintużaw elementi ta' attiv sinjifikattivi oħra u lanqas partijiet oħrajn ta' l-impriża.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, għandu jiġi interpretat fis-sens illi dan japplika meta parti mill-persunal ta' l-amministrazzjoni u parti mill-ħaddiema temporanji jiġu trasferiti lejn impriża oħra ta' xogħol temporanju sabiex hemmhekk jeżerċitaw l-istess attivitajiet għas-servizz ta' klijenti identiċi, u, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, illi l-elementi dwar it-trasferiment ta' entità ekonomika huma minnhom infushom biżżejjed sabiex jippermettu li jsiru prestazzjonijiet li huma karatteristiċi ta' l-attività ekonomika in kwistjoni mingħajr ma jkun hemm bżonn li jintużaw elementi ta' attiv sinjifikattivi oħra u lanqas partijiet oħrajn ta' l-impriża.

Firem